Nru./No. 21,688
Prezz/Price
€0.72

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 16 ta' Lulju, 2026
Thursday, 16th July, 2026

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 13,973
Government Notices *13,973*

Avviżi tal-Pulizija ..... 13,973 - 13,974
Police Notices ..... *13,973 - 13,974*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,974 - 13,984
Court Notices ..... *13,974 - 13,984*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1063

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar it-Tlieta, 14 ta' Lulju, 2026, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1044 tal-10 ta' Lulju, 2026, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Il-15 ta' Lulju, 2026
(OPM/19/2022)

Nru. 1064

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġi li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 5 imsejjaħ l-Att tal-2026 li jemenda l-Kodiċi Kriminali; u

Abbozz ta' Liġi Nru 6 imsejjaħ l-Att tal-2026 li jemenda l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

Is-16 ta' Lulju, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 168

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Imsida

Nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Lulju, 2026, mis-7.00 p.m. sal-11.59 p.m., minn Triq il-Kunċizzjoni;

Nhar il-Ħadd, 19 ta' Lulju, 2026, mill-5.00 p.m. sal-11.00 p.m., minn Xatt Ta' Xbiex, Triq Antonio Bosio, Triq

GOVERNMENT NOTICES

No. 1063

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, resumed duties as Prime Minister on Tuesday, 14th July, 2026, and that the arrangements made by Government Notice No. 1044 of 10th July, 2026, ceased to have effect accordingly.

15th July, 2026

No. 1064

PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 5 entitled the Criminal Code (Amendment) Act, 2026; and

Bill No. 6 entitled the Administrative Justice (Amendment) Act, 2026.

16th July, 2026

POLICE NOTICE

No. 168

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on t''he dates and times indicated.

Msida

On Friday, 17th July, 2026, from 7.00 p.m. to 11.59 p.m., through Triq il-Kunċizzjoni;

On Sunday, 19th July, 2026, from 5.00 p.m. to 11.00 p.m., through Xatt Ta' Xbiex, Triq Antonio Bosio, Triq it-

it-Tabib Robert Naudi, Triq D'Argens, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Wied, il-xatt tal-Imsida, Triq il-Baċir, Triq Clarence, Triq Qrejten u Misraħ Ġużè Ellul Mercer.

Tas-Sliema/San Ġiljan

Mill-11.00 p.m. tat-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2026 sas-7.00 p.m. tat-Tlieta, 21 ta' Lulju, 2026, mill-Pjazza tal-Balluta (it-triq taħt il-Balluta buildings);

Nhar it-Tlieta, 21 ta' Lulju, 2026, mit-3.00 p.m. sal-11.30 p.m., minn Triq Sant'Elena;

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Lulju, 2026, mis-2.00 p.m. sal-11.00 p.m., minn Triq Ċensu Tabone minn ħdejn is-City of London Bar, Triq it-Torri, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq San Enriku, Triq Sant'Elena, Triq Manwel Dimech, il-Pjazza tal-Balluta u Telgħet San Ġiljan.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat;

Mill-4.00 p.m. tat-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2026 sal-11.45 p.m. tal-Ħadd, 26 ta' Lulju, 2026, mill-ewwel żewġ spazji ta' parkeġġ fi Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq Manwel Dimech u l-ewwel żewġ spazji ta' parkeġġ fi Triq Manwel Dimech kantuniera ma' Triq Santa Marija;

Mill-5.00 a.m. tas-Sibt, 25 ta' Lulju, 2026 sas-1.00 a.m. tal-Ħadd, 26 ta' Lulju, 2026, mill-Pjazza tal-Balluta u Telgħet San Ġiljan.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Lulju, 2026

Tabib Robert Naudi, Triq D'Argens, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Wied, Msida's shore, Triq il-Baċir, Triq Clarence, Triq Qrejten and Misraħ Ġużè Ellul Mercer.

Tas-Sliema/Saint Julian's

From 11.00 p.m. of Monday, 20th July, 2026 to 7.00 p.m. of Tuesday, 21st July, 2026, through Balluta's square (the street beneath Balluta's buildings);

On Tuesday, 21st July, 2026, from 3.00 p.m. to 11.30 p.m., through Triq Sant'Elena;

On Sunday, 26th July, 2026, from 2.00 p.m. to 11.00 p.m., through Triq Ċensu Tabone from near the City of London Bar, Triq it-Torri, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq San Enriku, Triq Sant'Elena, Triq Manwel Dimech, Balluta's square and Telgħet San Ġiljan.

Public transport will be affected;

From 4.00 p.m. of Monday, 20th July, 2026 to 11.45 p.m. of Sunday, 26th July, 2026, through the first two parking spaces in Triq Santa Marija corner with Triq Manwel Dimech and the first two parking spaces in Triq Manwel Dimech corner with Triq Santa Marija;

From 5.00 a.m. of Saturday, 25th July, 2026 to 1.00 a.m. of Sunday, 26th July, 2026, through Balluta's square and Telgħet San Ġiljan.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

16th July, 2026

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

1814

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-25 ta' Mejju, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 32/2025 fl-ismijiet James Flores (ID 407181M) vs Maria Grazia Grech (ID 142982M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-imsemmija Maria Grazia Grech, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi ż-żwieġ bejn il-partijiet ċċelebrat fl-20 ta' Settembru, 2008, ġie ddikjarat null b'sentenza mogħtija mit-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza. L-esponent jixtieq li din id-deċiżjoni tiġi rreġistrata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tiġi rrikonoxxuta għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u għalhekk l-esponent annetta mar-rikors kopja awtentika tad-deċiżjoni msemmija u d-dikjarazzjoni tal-eżekuttività maħruġa mit-Tribunal Ekkleżjastiku.

By means of a decree delivered by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) on the 21st October, 2025, in the records of Application number 32/2025 in the names James Flores (ID 407181M) vs Maria Grazia Grech (ID 142982M) the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the said Maria Grazia Grech, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap 12 of the Laws of Malta.

Whereas the marriage between the parties celebrated on the 20th September, 2008, was declared null by a judgment given by the Regional Tribunal of Second Instance. The applicant wishes that this decision shall be registered by this Honourable Court so that It is recognised for all intents and purposes of law and thus the applicant attached to the application an authentic copy of the said decision and the declaration of executability issued by the said Ecclesiastical Tribunal.

Għaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti wara d-debita notifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li d-deċiżjoni tan-nullità taż-żwieġ imsemmija tiġi rreġistrata u meqjusa bħala deċiżjoni għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi Ċivili skont l-Artikoli 23 u 24 tal-Liġijiet ta' Malta.

Notifika: Maria Grazia Grech, 37, Triq B. Bontadini, Ħal Balzan

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum, 30 ta' Ġunju, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Therefore, the applicant respectfully requests this Honourable Court, after due notification to the Director Public Registry, that the decision of nullity of the marriage mentioned be registered and considered as a decision for all intents and purposes of the Civil Law according to Articles 23 and 24 of the Laws of Malta.

Notification: Maria Grazia Grech, 37, Triq B. Bontadini, Ħal Balzan

Registry of the Superior Courts (Appeals) this day, 30th June, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1815

Permezz tad-digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fit-8 ta' Ġunju, 2026, fl-Atti tar-Rikors 19/26 fl-ismijiet Din l-Art Ħelwa et vs l-Awtorità tal-Ippjanar et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Rialto Operation Ltd a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 19/2026 ippreżentat fil-11 ta' Marzu, 2026, fl-ismijiet premessi, l-esponenti appellanti Din l-Art Ħelwa et, ħasset ruħha aggravata mis-sentenza datata fid-19 ta' Frar, 2026, fejn qatgħet u ddeċidiet il-kawża billi laqgħet ir-risposta tal-intimati filwaqt illi ċaħdet it-talbiet kollha rimanenti tar-rikorrenti u għalhekk qed tinterponi dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti abbażi ta' dawn l-aggravji:

1. Illi t-Tribunal ordna li tkun implimentata skema ta' 'park and ride' lil hinn mis-sit suġġett tal-permess hekk li din il-bidla mhux biss hi ta' natura materjali iżda wkoll ma tirrispettax l-Artikolu 31 tal-Kapitlu 551 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi d-deċizjoni mhux motivata, ġustifikata, u bbażata fuq kunsiderazzjonijiet irrelevanti, u kuntradittorju dwar l-applikazzjoni tal-istandard baxx tal-parkeġġ fil-lokalità ta' Bormla.

Għaldaqstant, l-appellanti , filwaqt li jagħmlu referenza għall-provi u sottomissjonijiet kollha ġa prodotti u magħmula quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u l-Awtorità tal-Ippjanar filwaqt li jirriżervaw id-dritt li jressqu dawk il-provi u sottomissjonijiet kollha lilhom permessi skont il-liġi, jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar hawn fuq referita, u tagħti dawk il-provedimenti kollha li jidhrilha xierqa u ġusti inkluż ir-revoka tal-permess inkwistjoni.

By means of a decree delivered on the 8th June, 2026, by the Court of Appeal, Inferior Civil, in the records of Application number 19/26 in the Din l-Art Ħelwa et vs Planning Authority et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the defendant Rialto Operation Ltd in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas in Appeal Application number 19/2026 filed on 11th March, 2026, in the names premised, the appellant Din l-Art Ħelwa et, felt aggrieved by the judgment dated 19th February 2026, by the Environment and Planning Review Tribunal where it ruled and decided the cause by upholding the reply of the respondents whilst dismissing all the remaining demands by the applicant and is therefore filing this appeal before this Honourable Court based on these grounds:

1. The Tribunal ordered that a 'park and ride' scheme be implemented beyond the site subject to the permit as this change is not only of a material nature but also does not respect the provisions of Article 31 of Cap. 551 of the Laws of Malta;

2. The decision is unmotivated, unjustified, and based on irrelevant and contradictory considerations regarding the application of the low parking standard in the locality of Cospicua.

Therefore, the appellants, whilst referring to all the evidence and submissions already made before the Environment and Planning Review Tribunal and the Planning Authority and whilst reserving the right to bring forward all the evidence and submissions permitted to them according to law, respectfully request this Honourable Court to cancel and revoke the decision pronounced by the Environment and Planning Review Tribunal above referred to, and provide all such directions as it deems fit and fair including the revocation of the permit in question.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 19/26 fl-ismijiet Din l-Art Ħelwa et vs l-Awtorità tal-Ippjanar et huwa ddifferit għat-13 ta' Lulju, 2026, fid-9.00 a.m.

Notifika: Awtorità tal-Ippjanar, 3, Triq Fra Diegu, Il-Marsa MRS 1501

Rialto Operation Ltd, Conscarm, Triq Tal-Ibraġ, Is-Swieqi SWQ 2039

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli Inferjuri), illum 6 ta' Lulju, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Application number 19/26 in the names Din l-Art Ħelwa et vs Planning Authority et, is deferred to the 13th of July, 2026, at 9.00 a.m.

Notification: Planning Authority, 3, Triq Fra Diegu, Marsa MRS 1501

Rialto Operation Ltd, Conscarm, Triq Tal-Ibraġ, Swieqi SWQ 2039

Registry of the Superior Courts (Inferior Appeals), on this day, 6th July, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1816

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-26 ta' Ġunju, 2026, u dan wara Rikors b'numru 467/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, biex meta jiġi biex jirreġistra l-att tat-twelid esteru u dak taż-żwieġ ta' Susan S. Wallach jagħmel it-tibdiliet meħtieġa f'dawn l-atti biex isem ir-rikorrenti jiġi mibdul minn 'Susan Helene' għal 'Susan Schildkraut', permezz ta' annotazzjoni.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis, 2 ta' Lulju, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 26th June, 2026, and upon an application numbered 467/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, so that, when registering the foreign Act of Birth and the Act of Marriage of Susan S. Wallach in Malta, he makes the necessary amendments to those Acts so that the applicant's name is changed by annotation from 'Susan Helene' to 'Susan Schildkraut'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday, 2nd July, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1817

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-2 ta' Lulju, 2026, u dan wara Rikors b'numru 425/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid ta' Tracey S Y F Chen meta dan jiġi biex ikun reġistrat f'Malta biex, b'annotazzjoni, isem ir-rikorrenti jiġi mibdul minn 'Songyunfan' għal 'Tracey S Y F'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, 6 ta' Lulju, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 2nd July, 2026, and upon an application numbered 425/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate correction on the Act of Birth of Tracey S Y F Chen when it is registered in Malta, so that, by annotation, the applicant's name is changed from 'Songyunfan' to 'Tracey S Y F'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 6th July, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1818

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-2 ta' Lulju, 2026, u dan wara Rikors b'numru 427/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid ta' Soefae S Y F Chen meta dan jiġi biex ikun reġistrat f'Malta biex, b'annotazzjoni, isem ir-rikorrenti jiġi mibdul minn 'Songyunfei' għal 'Soefae S Y F'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, 6 ta' Lulju, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 2nd July, 2026, and upon an application numbered 427/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate correction on the Act of Birth of Soefae S Y F Chen when it is registered in Malta, so that, by annotation, the applicant's name is changed from 'Songyunfei' to 'Soefae S Y F'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 6th July, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1819

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-26 ta' Ġunju, 2026, u dan wara Rikors b'numru 476/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid ta' Phelix Imogen Fincher meta dan jiġi biex ikun reġistrat f'Malta biex kunjom ir-rikorrenti jiġi mibdul minn 'Fiorentino-Fincher' għal 'Fincher' permezz ta' annotazzjoni.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, 6 ta' Lulju, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 26th June, 2026, and upon an application numbered 476/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate correction on the Act of Birth of Phelix Imogen Fincher when it is registered in Malta, so that the applicant's surname is changed by annotation from 'Fiorentino-Fincher' to 'Fincher'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 6th July, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1820

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-26 ta' Ġunju, 2026, u dan wara Rikors b'numru 488/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid ta' Apple Samiano Zammit meta dan jiġi biex ikun reġistrat f'Malta biex it-tieni isem tar-rikorrenti jiġi mibdul minn 'Aleste' għal 'Samiano' u biex dan it-tibdil iseħħ ukoll fuq l-Att taż-Żwieġ tagħha bin-numru 1784/2019.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 26th June, 2026, and upon an application numbered 488/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate correction on the Act of Birth of Apple Samiano Zammit when it is registered in Malta, so that the applicant's second name is changed from 'Aleste' to 'Samiano', and for this change to also be effected on her Act of Marriage number 1784/2019.

Court of Revision of Notarial Acts

Illum it-Tnejn, 6 ta' Lulju, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Today Monday, 6th July, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1821

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-2 ta' Lulju, 2026, u dan wara Rikors b'numru 493/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid numru 7291/2024 sabiex kunjom il-minuri jiġi korrett minn 'Giri' għal 'Karki'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, 6 ta' Lulju, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 2nd July, 2026, and upon an application numbered 493/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate correction on the Act of Birth number 7291/2024 so that the minor's surname is corrected from 'Giri' to 'Karki'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 6th July, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1822

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fil-5 ta' Mejju, 2026, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat numru 47/2026AB, fl-ismijiet: Carmen Farrugia vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Carmen Farrugia (527451M) vs l-Avukat tal-Istat u Stephen Bonnici (198377M), ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), 11 ta' Frar, 2026, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex jgħidu l-intimati għaliex m'għandiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti, l-fatti su esposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, bl-operazzjonijiet tal-Liġijiet viġenti ingħata d-dritt tar-rilokazzjoni indefinita lill-inkwilin Stephen Bonnici (198377M) fil-fond 52 ġja 18, Triq id-Duluri, Birżebbuġa u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, u b'hekk ir-rikorrenti għandha tingħata r-rimedji kollha lil din l-Onorabbli Qorti jidrulha xierqa fiċ-ċirkostanzi;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sija pekunjarji u nonpekunjajri oltre l-imgħax legali sofferti mir-rikorrenti talli ma nżammx bilanċ u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-liġijiet viġenti ma tirriflettix is-suq u l-anqas il-valur lokatizzju tal-proprjetà inkwistjoni wkoll ai termini tal-liġi;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 5th May, 2026, in the records of the Sworn application number 47/2026AB, in the names: Carmen Farrugia vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Carmen Farrugia (527451M) vs State Advocate and Stephen Bonnici (198377M), filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), 11th February, 2026, the applicant prays this Honourable Court to state the respondents why it should not:

1. Declare and decide that in regard to the applicant, the facts above mentioned and the operations of the Ordinance regulating the renewal of the Lease of the Building, with the operations of the Laws in force, the right of indefinite relocation was given to the lessee Stephen Bonnici (198377M) in the premises 52 previously 18, Triq id-Duluri, Birżebbuġa and this in violation of the fundamental rights of the applicant, and thus the applicant should be given all the remedies to this Honourable Court which it deems fit in the circumstances;

2. Declare and decide that the respondent State Advocate is responsible for compensation and damages both pecuniary and non-pecuniary besides the legal interest suffered by the applicant for not keeping a balance and a ratio between the rights of the owner and those of the lessee because the rent payable in terms of the laws in force does not reflect the market nor the rental value of the property in question also in terms of law;

3. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, oltre l-imgħax legali;

4. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni pekunjajri u nonpekunjajri likwidati ai termini tal-liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 47/2026AB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq differit għal-14 ta' Lulju, 2026, fl-9.50 a.m.

Notifika: Stephen Bonnici, 52, ġja 18, Triq id-Duluri, Birżebbuġa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Liquidate the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as suffered by the applicant, besides legal interest;

4. Condemn the respondent State Advocate to pay the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages liquidated in terms of law, with legal interest from the date of filing of the present application till the date of effective payment.

With all costs and the respondents are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 47/2026AB in the names mentioned above has been postponed to the 14th July, 2026, at 9.50 a.m.

Notification: Stephen Bonnici, 52, gia 18, Triq id-Duluri, Birżebbuġa

Registry of the Superior Courts, today 7th July, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1823

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-7 ta' Mejju, 2026, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat numru 942/2020/1FDP, fl-ismijiet: Jamie Schembri vs Lara Investments Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimata.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Jamie Schembri (K.I. 202874M) vs Lara Investments Limited (C24441) ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-19 ta' Ottubru, 2020, ir-rikorrenti talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-intimata sabiex tersaq għall-pubblikazzjoni tal-att tal-bejgħ tal-proprjetà mertu tal-konvenji bejn il-partijiet in atti n-Nutar Maria Spiteri datati l-wieħed u tletin (31) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) fit-termini, u bil-pattijiet, kundizzjonijiet u garanziji tal-konvenji fuq premess;

2. Tinnomina nutar pubbliku biex jippublika l-att opportun u kuraturi biex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi fuq dak l-att u tiffissa data, lok u ħin għal tali pubblikazzjoni;

Jekk dak mitlub fl-ewwel u t-tieni talba mhuwiex possibbli:

3. Tiddikjara lill-intimata responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 7th May, 2026, in the records of the Sworn application number 942/2020/1FDP, in the names: Jamie Schembri vs Lara investments Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Jamie Schembri (I.D. 202874M) vs Lara investments Limited (C24441) filed in the Civil Court, First Hall on the 19th October, 2020, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Condemn the respondent to come forward to the publication of the deed of sale of the property merit of the preliminary agreements between the parties in the records of Notary Maria Spiteri dated thirty-first (31) of August of the year two thousand and twenty (2020) in terms, and with the terms, conditions and guarantees of the preliminary agreements above premised;

2. Appoint a notary public to publish the opportune deed and curators to represent the eventual defaulters on that deed and fix a date, place and time for such publication;

If what is requested in the first and second requests is not possible:

3. Declare the respondent responsible for the damages suffered by the applicant;

4. Tillikwida anke okkorendo permezz ta' periti nominandi d-danni sofferti mir-rikorrenti;

5. Tikkundanna lill-intimata tħallas id-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;

6. Tikkundanna lill-intimata tħallas l-ispejjeż tal-preżenti.

Bl-ispejjeż, inklużi iżda mhux biss dawk, tal-ittra uffiċjali numru 2959/2020, tal-ittra uffiċjali numru 2960/2020 u bl-imgħaxijiet kontra l-intimata u li rappreżentanti tagħha huma min issa nġunti in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 942/2020/1FDP fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-14 ta' Lulju, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika intimata: Lara Investments Limited, Lara Buildings, Triq Ġużeppi Calì, L-Iklin.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Lulju 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

4. Liquidate even if necessary by means of referees appointed the damages suffered by the applicant;

5. Condemn the respondent to pay the damages so liquidated to the applicant;

6. Condemn the respondent to pay the costs of the present.

With costs, including but not limited to those of the judicial letter number 2959/2020, of the judicial letter number 2960/2020 and with interests against the respondent whose representatives are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 942/2020/1FDP in the names mentioned above is postponed for hearing to the 14th July, 2026, fid-9.30 a.m.

Notify respondent: Lara investments Limited, Lara buildings, Triq Ġużeppi Calì, Iklin.

Registry of the Superior Courts, today 7th July 2026

GABRIEL MANGION
for the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1824

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Lulju, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 519/2026DC, fl-ismijiet: Dr Daniel Buttigieg noe vs Excel Investments Ltd et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Dr Daniel Buttigieg (158087M) noe vs Excel Investments Ltd (C81721) et, ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-21 ta' Mejju, 2026, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tipproċedi għas-sentenza skont it-talba tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smigh tar-rikors ai termini tal-Artikoli 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-intimati huma debitur tar-rikorrenti ghas-somma ta' €164,320 oltre l-imghax legali;

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lill-esponenti s-somma ta' €164,320 oltre l-imgħax legali.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni

Ir-Rikors Ġuramentat numru 519/2026DC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-15 ta' Lulju, 2026, fl-9.45 a.m.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 3rd July, 2026, in the records of Sworn application number 519/2026DC, in the names: Dr Daniel Buttigieg noe vs Excel investments Ltd et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Dr Daniel Buttigieg (158087M) noe vs Excel investments Ltd (C81721) et, filed in the Civil Court, First Hall, on the 21st May, 2026, the applicant asked this Honourable Court so that:

1. Proceed to judgement according to the demand of the applicants without proceeding to a hearing of the application in terms of Article 167 of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Declare that the respondents are a debtor of the applicant for the sum of €164,320 besides legal interest;

3. Condemn the respondent to pay the applicant the sum of €164,320 besides legal interest.

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made

The Sworn application number 519/2026DC in the names mentioned above is postponed to the 15th July, 2026, at 9.45 a.m.

Notifika Intimat: Delbrade Limited (C80652), Juliana, Triq Lapsi, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification respondent: Delbrade Limited (C80652), Juliana, Triq Lapsi, St Julian's

Registry of the Superior Courts, today 7th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1825

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-12 ta' Mejju, 2026, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat numru 168/2026JPG, fl-ismijiet Rose sive Rosina Schembri et noe et vs Kuraturi Deputati, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 495A et sequitur tal-Kap. 16, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-konvenuti.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Rose sive Rosina Schembri (584642M), Giacinto sive Sintio Schembri (10859M), Judas Taddeus sive Teddy Schembri (54163M), Carmelo Schembri (544341M), Joseph Schembri (172244M) f'ismu proprju u bħala mandatarju tal-imsiefrin Rocco Schembri, Josephine Ward, Emily Schembri, u Josephine Schembri vs Kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsiefer Mario Schembri, ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-23 ta' Frar 2026, permezz ta' rikors konġunt ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16, ta' Rose sive Rosina Schembri et noe et bir-rispett jesponu:

1. Illi l-partijiet kollha f'dan ir-rikors huma lkoll kompropretarji tal-lok ta' djar bin-numru uffiċjali tmienja u tmenin (88), bl-isem ta' 'Faith', fi Triq il-Qrendi, kantuniera ma' Triq Napuljun, fiż-Żurrieq, bl-arja libera bla limitu u bis-sottoswol bla limitu, u inkluż il-garaxx mingħajr numru uffiċjali li huwa aċċessibbli minn Triq il-Qrendi u interkonness mal-istess lok ta' djar;

2. Illi dan il-fond kien jappartjeni lil Antonio Schembri u Anna sive Annetta Schembri imwielda Farrugia li mietu rispettivament fit-tletin (30) ta' Novembru elfejn u sebgħa (2007) u fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu elfejn u erbgħa (2004), ġenituri tal-kontendenti aħwa Schembri u tal-mejtin Nazzareno Schembri u Paul Schembri tnejn oħra minn uliedhom (kopja taċ-ċertifikati tal-mewt tagħhom annessi u mmarkati 'A' u 'B' rispettivament);

3. Illi l-imsemmija Antonio Schembri u Anna sive Annetta Schembri rregolaw il-wirt u suċċessjoni tagħhom b'żewġ testmenti unica charta li saru fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja tad-dsatax (19) ta' Jannar elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) u ieħor tas-sittax (16) ta' April elf disa' mija u sitta u disgħin (1996) li permezz tagħhom, huma nnominaw bħala eredi tagħhom lil binthom ir-rikorrenti Rose sive Rosina xebba Schembri fil-kwota ta' terz (1/3) u fil-kwota ta' żewġ terzi (2/3) bejniethom lil uliedhom l-oħra Giacinto sive Sintio, Judas Taddeus sive Teddy, Carmelo, Joseph,

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 12th May 2026, in the records of the Sworn application number 168/2026JPG, in the names Rose sive Rosina Schembri et noe et vs Deputy Curators, the following publication was ordered in terms of Article 495A et sequitur of Cap. 16, for the purpose of service of the defendants.

By means of an application in the names Rose sive Rosina Schembri (584642M), Giacinto sive Sintio Schembri (10859M), Judas Taddeus sive Teddy Schembri (54163M), Carmelo Schembri (544341M), Joseph Schembri (172244M) in his own name and as mandatary of the abroad Rocco Schembri, Josephine Ward, Emily Schembri, and Josephine Schembri vs Deputy Curator to represent the abroad Mario Schembri, filed in the Civil Court First Hall on the 23rd February 2026, by means of a joint application in terms of Article 495A of Cap 16, of Rose sive Rosina Schembri et noe et respectfully submit:

1. That all the parties in this application are all co-owners of the premises of houses with official number eighty eight (88), with the name 'faith', in Triq il-Qrendi, corner with Triq Napuljun, Żurrieq, with the airspace without limit and with the subsoil without limit, and including the garage without official number which is accessible from Triq Il-Qrendi and interconnected with the same premises of houses;

2. That this premises belonged to Antonio Schembri and Anna sive Annetta Schembri born in Farrugia who died respectively on the thirtieth (30) of November two thousand and seven (2007) and on the twenty-second (22) of August two thousand and four (2004), parents of the parties siblings Schembri and of the deceased Nazzareno Schembri and Paul Schembri two other children (copy of their death certificates annexed and marked 'A' and 'B' respectively);

3. That the said Antonio Schembri and Anna sive Annetta Schembri regulated their inheritance and succession by two unica charta wills made in the records of Notary Mario Bugeja dated nineteenth (19) of January one thousand nine hundred ninety-five (1995) and another of the sixteenth (16) of April one thousand nine hundred ninety-six (1996) by means of which, they nominated as their heirs their daughter the applicants Rose sive Rosina née Schembri in the quota of one third (1/3) and in the quota of two thirds (2/3) between them their other children Giacinto sive Sintio, Judas Taddeus

Rocco, Josephine miżżewġa Ward, Nazzareno, u Paul aħwa Germani Schembri (kopja tar-riċerki testamentarji u tat-testmenti annessi u mmarkati minn 'C' sa 'H'). Għal kull bon fini jiġi ddikjarat li testment ieħor li kienu għamlu l-imsemmija konjugi Schembri tat-tletin (30) ta' April elf disa' mija disgħa u disgħin (1999) fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja, kien ġie ddikjarat null u bla ebda effett b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-erbatax (14) ta' Jannar elfejn u għaxra (2010) (Rikors Ġuramentat numru 705/2009). Nazzareno Schembri miet f'Victoria, l-Awstralja, fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Diċembru elfejn u tlieta (2023), u b'testment li għamel f'St Albans, l-Awstralja, fid-disgħa (9) ta' Awwissu elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991), huwa nnomina lil martu r-rikorrenti Emily Schembri bħala werrieta tiegħu. Paul Schembri miet f'Toronto, Ontario, il-Kanada, fl-għoxrin (20) ta' Novembru elfejn u tmintax (2018), u u b'testment li għamel fil-Kanada fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu elfejn u erbgħa (2004), huwa ħalla werrieta tiegħu lil martu r-rikorrenti Josephine Schembri (kopja taċ-ċertifikati tal-mewt ta' Nazzareno Schembri u Paul Schembri u tat-testmenti tagħhom annessi u mmarkati 'I' sa 'L');

4. Illi d-dritt ta' użu u abitazzjoni, u ta' użufrutt imħolli lir-rikorrenti Rose sive Rosina Schembri mill-ġenituri tagħha fuq imsemmija fit-testment tagħhom tad-dsatax (19) ta' Jannar elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995), ġie rinunzjat, liema dritt ġie terminat għal kull effett u fini tal-liġi b'kuntratt tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar elfejn u tlieta u għoxrin (2023) fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani (kopja tal-kuntratt annessa u mmarkata 'M');

5. Illi permezz ta' konvenju tas-sebgħa (7) ta' Jannar elfejn u sitta u għoxrin (2026) li sar minn Nutar Jean Carl Debono debitament reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana bin-numru reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana bin-numru PS202601841, ir-rikorrenti li flimkien huma l-maġġoranza stragrandi tal-komproprjetarji wieġħdu li jbigħu u jittrasferixxu l-fond hawn fuq deskritt lill-kumpanija F.S Developments Limited (C24607) versu l-prezz indikat fl-istess konvenju (kopja ta' liema qegħda tiġi annessa u mmarkata 'N');

6. Illi r-rikorrenti jiddikjaraw illi l-istess proprjetà ilha in komunjoni bejn il-partijiet kollha aktar minn tliet snin u preċiżament għal dawn l-aħħar tmintax-il (18) sena, u dan kif ġia spjegat;

7. Illi r-rikorrenti jiddikjaraw illi l-prezz pattwit huwa l-ogħla prezz li setgħu iġibu fis-suq miftuħ;

8. Illi prezz miftiehem huwa wieħed reali u ġust;

9. Illi l-bejgħ tal-proprjetà huwa ta' benefiċċju għall-partijiet kollha, u dan kif ser jiġi spjegat matul il-kors

sive Teddy, Carmelo, Joseph, Rocco, Josephine married Ward, Nazzareno, and Paul brothers Germani Schembri (copy of testamentary searches and wills annexed and marked from 'C' to 'H'). For all intents and purposes It is declared that another will made by the said spouses Schembri of the thirty (30) of April one thousand nine hundred ninety nine (1999) in the records of Notary Mario Bugeja, was declared null and without effect by a judgement of this Honourable Court of the fourteenth (14) of January two thousand and ten (2010) (Sworn application number 705/2009). Nazzareno Schembri died in Victoria, Australia, on the twenty-fourth (24) of December two thousand and three (2023), and by a will he made in St Albans, Australia, on the ninth (9) of August one thousand nine hundred and ninety-one (1991), he nominated his wife the applicant Emily Schembri as his heirs. Paul Schembri died in Toronto, Ontario, Canada, on the 20th November, two thousand and eighteen (2018), and by a will he made in Canada on the 29th March, two thousand and four (2004), he left his heirs to his wife the applicant Josephine Schembri (copy of the death certificates of Nazzareno Schembri and Paul Schembri and of their wills attached and marked 'I' to 'L');

4. That the right of use and habitation, and of usufruct left to the applicant Rose sive Rosina Schembri by her parents above mentioned in their will of the nineteenth (19) of January one thousand nine hundred and ninety-five (1995), was renounced, which right was terminated for all effects and purposes of law by contract of the twenty-third (23) of February two thousand and twenty-three (2023) in the records of Notary Paul George Pisani (copy of contract attached and marked 'M');

5. That by means of a preliminary agreement of the seventh (7) of January two thousand and twenty six (2026) made by Notary Jean Carl Debono duly registered with the Commissioner of Revenue and Customs with number registered with the Commissioner of Revenue and Customs with number PS202601841, the applicants who together are the overwhelming majority of the co-owners promised to sell and transfer the premises above described to the company F. S developments Limited (C24607) towards the price indicated in the same preliminary agreement (copy of which is being attached and marked 'N');

6. That the applicants declare that the same property has been in common between all the parties for more than three years and precisely for the last eighteen (18) years, and this as already explained;

7. That the applicants declare that the price agreed is the highest price they could bring on the open market;

8. That an agreed price is real and fair;

9. That the sale of the property is beneficial to all the parties, and this as shall be explained during the course of

tas-smigħ ta' dan ir-Rikors, u l-intimat mhuwiex ser jiġi preġudikat b'dan il-bejgħ in kwantu jirrigwarda l-bejgħ tas-sehem tiegħu;

10. Illi mal-preżenti Rikors, qiegħed jiġi anness prospett tal-ismha preżenti bin-numri u l-valur tal-ishma tal-komproprjetàrji rispettivi fuq il-fond (kopja ta' liema qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala dokument 'O');

11. Illi stante li ma hemmx qbil mal-intimat Mario Schembri għall-bejgħ tal-imsemmi fond, għaldaqstant kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti illi, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u wara li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jogħġobha għar-raġunijiet imsemmija:

1. Tawtorizza li jsir il-bejgħ tal-proprjetà fuq imsemmija ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16, bil-prezz, b'dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet tal-konvenju tas-sebgħa (7) ta' Jannar elfejn u sitta u għoxrin (2026);

2. Tordna li l-imsemmi bejgħ ikun ippublikat minn Nutar Jean Carl Debono fil-ħin, jum u lok li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa;

3. Taħtar kuratur deputat sabiex jidher fuq l-att finali ta' bejgħ għall-kontumaċja f'dak il-jum, ħin u lok hekk stabbiliti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat nomine inġunt minn issa għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 168/2026JPG fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-13 ta' Lulju, 2026, fil-10.55 a.m.

Notifika: 19, Triq l-Angovini, Il-Qrendi, Malta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the hearing of this application, and the respondent shall not be prejudiced by this sale as regards the sale of his share;

10. That with the present application, a prospectus of the present shares is being attached with the numbers and value of the shares of the respective co-owners on the premises (a copy of which is hereby attached and marked as document 'O');

11. That since there is no agreement with the respondent Mario Schembri for the sale of the said premises, thus this case had to be made.

Thus, the applicants respectfully pray that this Honourable Court, saving the necessary declarations and after the opportune provisions are given, for the reasons mentioned:

1. Authorise the sale of the property above mentioned in terms of Article 495A of Cap 16, at the price, on those terms and conditions of the preliminary agreement of the 7th January two thousand and twenty six (2026);

2. Order that the said sale be published by Notary Jean Carl Debono within the time, day and place that this Honourable Court deems fit to fix;

3. Appoint a deputy curator to appear on the final deed of sale by default on the day, time and place so established.

With costs against the respondent nomine from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 168/2026JPG in the names mentioned above is postponed to 13th Jul, 2026, at 10.55 a.m.

Notify: 19, Triq l-Angovini, Qrendi, Malta

Registry of the Superior Courts, today 6th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1826

ARB/C014/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fid-29 ta' April, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti

ARB/C014/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 29th April, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a

Istruttorja (il-Maġistrat Dott. Leonard Caruana, LLD). Kumpilazzjoni Numru 161/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

VINCENT BUHAGIAR, irtirat, ta' 78 sena, iben il-mejjet Angel u l-mejta Inez xebba Attard, imwieled il-Belt Valletta, Malta, fil-31 ta' Lulju, 1947, residenti f'145, Coral Mansions, Blk A, Fl. 5, Triq il-Keffa, Is-Swieqi, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 718347M.

Il-Qorti ORDNAT, contrario imperio, ir-revoka tad-Digriet tal-Qorti tas-17 ta' Jannar, 2022, li permezz tiegħu l-Qorti kienet illimitat l-Ordni ta' Qbid u Friżar maħruġa fir-rigward ta' VINCENT BUHAGIAR għas-somma ta' €247,000.

Il-Qorti ORDNAT ukoll li l-Ordni ta' Qbid u Friżar maħruġa fir-rigward ta' VINCENT BUHAGIAR fl-20 ta' Marzu, 2021, tkun limitata għas-somma ta' mitejn u sitta u erbgħin elf, tmien mija u tmenin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€246,880.39), filwaqt li qed tikkonferma li l-Ordni ta' Qbid u Friżar tal-20 ta' Marzu, 2021, għandha tibqa' regolata bl-Artikolu 36 tal-Att Dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità (Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta) kif emendat bl-Att VI tal-2024 u dan insegwitu għad-Digriet tal-Qorti tal-15 ta' April, 2026.

Il-Qorti ORDNAT ukoll illi il-proprjetà l-oħra tal-imputat ma għandhiex titqies bħala li hija suġġetta għall-imsemmija Ordni ta' Qbid u Friżar.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Charmaine Galea, LLD) fl-20 ta' Marzu, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-26 ta' Marzu, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' VINCENT BUHAGIAR.

Illum 13 ta' Mejju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Leonard Caruana, LLD). Compilation Number 161/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

VINCENT BUHAGIAR, retired, 78 years, son of the late Angel and the late Inez née Attard, born in Valletta, Malta, on the 31st July, 1947, residing at 145, Coral Mansions, Blk A, Fl. 5, Triq il-Keffa, Swieqi and holder of Maltese identity card bearing number 718347M.

The Court ORDERED, contrario imperio, the revocation of the Court decree dated 17th January, 2022, whereby the Court had limited the Seizing and Freezing Order issued in respect of VINCENT BUHAGIAR to the amount of €247,000.

The Court further ORDERED that the Seizing and Freezing Order issued in respect of VINCENT BUHAGIAR on 20th March, 2021, be limited to the amount of two hundred and forty-six thousand, eight hundred and eighty euro and thirty-nine cents (€246,880.39), whilst confirming that the Seizing and Freezing Order issued on the 20th March, 2021, shall continue to be regulated by Article 36 of the Proceeds of Crime Act (Cap. 621 of the Laws of Malta), as amended by Act VI of 2024 and further to the Court decree dated 15th April, 2026.

The Court further ORDERED that all the other property of the accused shall cease to be considered as being subject to the said Seizing and Freezing Order.

This variation is being published in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a Seizing and Freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Charmaine Galea, LLD) on the 20th March, 2021, which was published in the Government Gazette on the 26th March, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to VINCENT BUHAGIAR.

Today 13th May, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603